# TA’ SANNAT FII-KTIEB “QWIEL U QADDISIN”

*minn*

*Mons Lawrenz Sciberras.*

Matul ix-xahar ta’ Diċembru li għadda, s-Sur Victor G. Galea ippublika ktieb jismu Qwiel u Qaddisin. F’din il-kitba letterarja tassew profonda u nteressanti, l-awtur kiteb ħafna dwar dak li kien ilu jisma’ mix-xjuħ u jiġbor mill-qari ta’ kotba oħra. Kiteb dwar drawwiet missirijietna kważi kollha marbutin mall-kalendarju tal-qaddisin tal-gżejjer tagħna. Fisser b’mod l-aktar perswasiv ħafna mid-drawwiet folkloristiċi tagħna u li dawn sforz il-moderniżmu qiegħdin jintilfu. Wera b’saħħa kbira kemm tassew għandna ngħożżu wirt missirijietna, għaliex darba mitlufin, jintesew għal dejjem.

F’dan il-ktieb għalhekk l-awtur tkellem ukoll mir-raħal ħelu tagħna ta’ Sannat. Tagħrif li bi probabilta' ħafna minnha ma nafuhomx. Għalhekk jien se noħrog għad dawl dak kollu li huwa msemmi u marbut ma raħalna, biex aħna s-Sannatin wara li nsiru nafu dwarhom, ngħożżu u nibżgħu għal dak li huwa magħġun magħna; dak li jgħażilna u jagħtina l-identita' partikulari tagħna.

(1) Ma nistux insemmu lil-raħalna, jekk ma tiġix f’moħħna l-patruna tagħna Santa Margerita. L-awtur tal-ktieb isemmi s-sħaba ta’ Santa Margerita. Huwa jikteb: “Ix-Xagħra u ta’ Sannat jgħidulha s-sħaba ta' S. Margerita u jgħidu li ddum tidher sa ma tagħmel l-ewwel xita. Iktar ma tkun kbira iktar se tkun sena milwiema” pg 22. Din is-sħaba U li hija waħda kbira tidher fix-xlokk ta’ Malta matul l-aħħar nofs tax-xahar ta’ Lulju.

(2) Fenomenu naturali ieħor marbut mal-festa tagħna hija l-Majjistralata ta’ Santa Margerita. Nikkwota: Qabel San Lawrenz hemm festa oħra li ġġib il-majjistral. Din hi Santa Margerita li taħbat nhar 1-20 ta’ Lulju, imma l-festa tagħna f’ta’ Sannat jagħmluha fir-raba Ħadd tax-xahar. Is-Sannatin jgħidu li lejlitha jew nharha Santa Margerita żgur iġġib il-majjistral. Qabel Santa Margerita jaħbat l-klami tal-Marmnu li jistgħu jkunu bl-eħtrieq, riħ isfel xott jikwi li jaqtagħlek nifsek” pg 53. Din il-ħaġa tar-riħ fuq, kien jafha tajjeb ħafna l-Arċipriet Dun Indri Vella, għaliex kien jarma t-t-tazzi taż-żejt mal-ġemb tal-knisja għall- kenn, preċiżament n-naħħa ta’ Ċenċ.

(3) Il-qaddisa tagħna hija magħrufa sewwa fost dawk in-nisa li jkunu saru ommijiet. U jitolbuha bil-ħerqa, biex f’ħinu u f’waqtu jkollhom ħlas normali. Sewwa u xieraq li dawn il-valuri ngħadduhom bla mittiefsa fost in-nies tagħna. Pero fil-ktieb tas-sur Galea, Santa Margerita, flimkien ma' qaddisin oħra tidher toffri l-għajnuna lil dawk li jbatu f’għajnejhom.

"Min kien jitlob wara li jsejjaħ l-għajnuna ta' Santa Margerita u Santa Luċija t-tnejn protetturi ta' l-għajnejn" pg 120. Din il-partikularita' marbuta mall-qaddisa tagħna ta' min iżomma aktar ħajja u ixerridha.

(4) Dejjem fil-ktieb Qwiel u Qaddisin, niltaqgħu ma' ġrajja marbuta sfiq mat-talb għax-xita. Din l-istorja dwar missirijietna s-Sannatin u mal-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Xand Aquilina, (1709-1744) tgħallimna l-qawwa tat-talb u l-fidi ta' l-antenati tagħna: "Dun Indri Vella (qassis miż-Żebbuġ) jgħid li fost il-poplu għadha ħajja t-tradizzjoni dwar x'ġara meta Dun Xand ħa lis-Sannatin il-Knisja tal-Wied l-Għasri biex jitlob għax-xita. Kif kienu l-knisja tal-Wied, Dun Xand, hu u jippriedka ħareg iċ-ċilizzju u biċċer ġismu bih. Lin-nies qalilhom: 'Min hawn ma ninżilx qabel tibda x-xita'. Wara xi kwarta nfetħu bwieb is-sema fost il-ferħ bla qies ta' kulħadd" (pg 254). Kull kumment dwar din il-ġrajja huwa żejjed.

(5) Minn dak li hu sagru niġu issa għal profan. Ma raħalna Sannat, bil-fors li irridu ndaħħlu lil ta' Ċenċ. U tassew, għaliex din il-parti hekk sabiħa mimlija flora u fawna tagħmel parti mil-limiti ta' raħalna. L-awtur isemmi kemm iċ-ċief kif ukoll il-gawwi.

"Id-dief ifittex l-irdumijiet ta' wara Malta, Filfla, Kemmuna u ta' Ċenċ Għawdex (pg 103, 296). Il-gawwi ukoll ibejjet ma' l-irdumijiet għoja ta' Ċenċ. Snin ilu derti flies minn raħalna kienu jixxabbtu mill-irdum ta' Ċenċ għal isfel ifittxu il-bajd kbir ta' dan il-gawwi. Meta ir-riħ jonfoq mix-xlokk jew min nofs innhar niftakru qtajjiet kbar ta' gawwi jgħajjat għaliex il-baħar ikun imqalleb u l-gawwi ma setax jaqbad ħut.

(6) Fuq il-blat żonqri ta' Ċenċ jikbru ħafna tipi ta' ħxejjex uħud minnhom forsi huma uniċi fil-gżejjer tagħna. Is-sur Galea isemmi x-xewk li joħroġ il-qaqoċċ. "Xewka oħra lijagħmlu fuq il-mansab għall-vrieden hi l-qaqoċċa jew xewka tal-qaqoċċ (Cynara cardunculus) li tikber kemm fuq il-blat ta' Ċenċ u kemm fuq it-tafal bħad-Dabrani. It-tfal ta' Sannat dan kienu jitilgħu ta' Ċenċ jaqtgħu l-fjura li qisha qaqoċċa ta' l-ikel u jiklulha l-bażi tal-qalba".

Ħafna qaluli li barra dan jagħmlu wkoll ix-xewka ta' demm ta' Kristu (Carthamus Lantus) jgħidulu hekk għax it-tfal jaqtgħu l-blanzun tiegħu ħabta tal-Ġimgħa l-Kbira u biz-zokk li minnu joħroġ għaraq ifuħ kannella flahmar, itekku d-dahar ta' idejhom fejn Kristu kellu l-pjagi tal-musmar" (pġ 202-203). Meta wieħed jiftakar f'dan iż-żmien li jiena stess għaddejt minnu bla ma trid toħroġ karba: O żmien ħelu ta' dan.

(7) Żewġ partikularitajiet marbutin ukoll ma ta' Ċenċ, huma n-narċiż **u** t-tin. Sewwa li ngħid li fost l-anzjani ta' raħlin, n-narċiż jgħidulu ronġos u hawn f'ta Sannat jidher f'Diċembru. Hawn partijiet oħra f'għawdex li jikber in-narċiż, imma fuq ta' Ċenċ isibu ħafna. U billi din il-pjanta tikber fissukkan, allura tarmi riħa qawwija ħafna. Meta tagħmel xi bukkett narċiż id-dar dritt ixxomm ir-riħa qawwija tiegħu. Man-narċiż hemm it-tin ta' Ċenċ. Frotta kbira, kulur kannella sewdieni u tgħaxxik bil-ħlewwa tagħha (pg 44).

(8) Fl-aħħar sewwa li nżid kelma dwar il-qoxra tal-ktieb li qed nirreferi għalih. Għaliex din ukoll ixxandar b'leħen għoli wirt raħalna Sannat. Fuq quddiem l-awtur għoġbu jislet immaġni ta' żewġ qaddisin, il-Kunċizzjoni u San Pawl. Dawn qiegħdin għad-dell tal-kampnar fejn hemm il-qampiena l-kbira u tant melodjusa tagħna. Sa għoxrin sena ilu dawn l-istatwi mekulin bil-melħ kienu fuq iz-zuntier. Il-qoxra ta' wara mbagħad hemm dehera oħra suġġestiva ħafna tal-kandell tal-palazz Palina ta' Ċenċ. Fuq il-ħnejjea hemm ukoll statwa zgħira turi lil San Pawl.

Dan il-wirt aħna fl-obligu li ngħożżuh, għaliex jifforma parti mill-istorja li jdomm raħalna ta' Sannat.




